

# PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

---

7.7.2008

0060/2008

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Urszula Krupa u Witold Tomczak

dwar il-proposti tal-modifiki leġiżlattivi mressqa mill-Kummissjoni Ewropea  
dwar it-tnaqqis ta' l-emissjoni tas-CO<sub>2</sub>

Data ta' skadenza: 7.11.2008

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-proposti tal-modifiki leġiżlattivi mressqa mill-Kummissjoni Ewropea dwar it-tnaqqis ta' l-emissjoni tas-CO2**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. wara li kkunsidra s-sitwazzjoni li qed jaffaċċjaw il-familji minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-fjuwil u ta' l-enerġija kif ukoll ir-reċessjoni kontinwa f'bosta pajjiżi tal-Komunità, li qed twassal għal faqar u żieda fir-rata tal-qgħad kif ukoll tal-ġuħ u li din il-qagħda aktar ma' jgħaddi żmien aktar qed tmur għall-agħar,
  - B. billi l-politika biex jitnaqqsu l-gassijiet b'effett ta' serra mill-Unjoni Ewropea 'l-qadima' qabel l-adeżjoni ta' l-Istati Membri l-ġodda, irnexxielha taqta' l-emissjonijiet ta' CO2 b'2.7% biss,
  - C. wara li kkunsidra l-ispejjeż għolja ta' l-industriji li qed jadattaw fil-pajjiżi ta' l-UE għall-bżonnijiet li jitnaqqas is-CO2 u billi f'kull każ dan mhux se jgħin b'mod sinifikanti biex tittejjeb is-sitwazzjoni tal-klima,
  - D. billi, wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri ġodda pprevedew opportunitajiet ta' tkabbir, li fil-preżent qed ikunu miċħuda lilhom, filwaqt li l-Unjoni Ewropea qed tftitex li tnaqqas l-emissjonijiet ta' CO2 bi spejjeż tagħhom, u ssostni dan bħala suċċess kbir meta filfatt l-ekonomiji ta' dawn l-Istati qed jinqerdu,
  - E. billi anki politika ta' suċċess ta' l-Unjoni Ewropea biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 tasal biex tikseb biss 4% tnaqqis fuq livell globali, billi fl-istess ħin il-pajjiżi tal-Lvant imbiegħed qegħdin dejjem aktar iżidu l-emissjonijiet tagħhom b'10 sa 20%, jiżviluppaw l-industriji tagħhom u b'hekk jeqirdu l-ekonomiji ta' l-Istati Membri ta' l-UE,
1. Jirrikonoxxi li l-miżuri biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tas-CO2 huma ta' ħsara għall-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea u li l-ispejjeż huma sproporzjonatment għolja meta mqabbla ma' kull żvantaġġ minuri li jista' jirriżulta f'termini ta' tnaqqis ta' dawn l-emissjonijiet fuq livell globali;
  2. Jirrikjedi lill-Kummissjoni biex twaqqaf il-miżuri marbuta mat-tnaqqis tas-CO2 u tqis mill-ġdid it-theddid reali li jitqajjem minn din il-kwistjoni;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.